# L-Aħbar

mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta

Marzu 2017
Nru. 217


Kapitlu Provinċjali 22-25.V.2017

ĠEJJIENI BIL-FIDUĊJA

## Oħtna l-mewt iżżurna



It-Tnejn 13 ta' Frar fil-Parroċċa Franġiskana tas-Sacro Cuor tas-Sliema kien iċċelebrat il-Funeral ta' ħuna P. Sebastian Camilleri, OFM, li fl-10 ta' Frar, 2017 oħtna l-mewt ġiet iżżuru.

Fid-8.00am telaq korteo funebri mill-isptar Mater Dei għall-kunvent tagħna ta' tas-Sliema. Fil-9.15am ħareġ korteo mill-kunvent għall-knisja parrokkjali fejn saritlu Quddiesa *praesente cadavere* fid-9.30am. Wara saret id-difna fil-Kappella ta' l-istess Provinċja fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata.

Il-quddiesa kienet konċelebrata mill-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech, OFM u fejn preżenti kien hemm bosta Patrijiet, qraba u ħbieb kif ukoll dawk kollha li ħadu ħsiebu sakemm kien residenti fid-dar Domus Pacis, f'Baħar iċ-Ċagħaq.

## Mgr George Bugeja OFM Vigarju Appostoliku ta' Tripli



Nhar il-5 ta' Frar Papa Franġisku ħatar lil Mgr George Bugeja OFM bħala l-Vigarju Appostoliku ta' Tripli. Mons. George Bugeja kien qiegħed iservi bħala Koadjatur fl-istess

*ikompli f'paġna 2*

### Ħejji ruħek għat-Tiġrib

Dan l-aħħar laqatni qari ta' Quddiesa ta' fost il-ġimgħa, kien il-jum tat-Tlieta tas-sebgħa ġimgħa ta' matul is-sena, l-ewwel qari meħud mill-ktieb ta' Bin Sirak. Kemm drabi ma noqgħodux attenti u ma nixtarrux sewwa l-Kelma ta' Alla li naqraw jew li nisimgħu tinqara'! Din s-silta ħassejt li hija tant importanti, speċjalment għalina msejħin biex nimxu aktar mill-qrib wara Ġesu', il-Mulej u l-Imgħallem tagħna. Nixtieq għalhekk, u nitlobkom tippermettuli, sabiex nerġa' nipproponhielkom u nimmarka b'mod li jiġbed il-għajn, il-verbi li insibu fiha, ir-rakkomandazzjonijiet li jagħmel Bin Sirak lil min irid jieħu bis-serjeta' s-sejħa tiegħu.

**Mill-Ktieb ta' Bin Sirak** (Sir 2, 1-13)
Ibni, jekk tiġi biex taqdi lill-Mulej:

- **Ħejji ruħek għat-tiġrib**
- **Kun sinċier f'qalbek**
- **Żomm sħiħ**
- **Ingħaqad miegħu**
- **Titilqux,**
- **Kulma jiġi fuqek ilqgħu,**
- **Żomm sħiħ fit-tibdil li jumiljak.**
- **Afda fil-Mulej**
- **Żomm triqatek dritti**
- **Ittama fiH.**

Intom li tibżgħu mill-Mulej:

- **Stennew ħnientu,**
- **Toħorġux mit-triq**
- **Afdaw fih,**
- **Ittamaw fi ħwejjeġ tajba, fl-hena ta' dejjem u fil-ħniena.**
- **Ħarsu lejn il-ġenerazzjonijiet ta' dari u araw:** min qatt ittama fil-Mulej u kellu għax jistħi? Jew min żamm fil-biża' tiegħu, u l-Mulej ħallieh waħdu? Jew min sejjaħlu, u l-Mulej ma tax kasu? Għax il-Mulej tiġih ħasra u jħenn, jaħfer id-dnubiet u jsalva fi żmien l-għawġ.

Henjin aħna jekk inżommu dan kollu quddiem għajnejna u nagħmluh. Il-Mulej jagħtikom is-Sliem!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*



APOSTOLIC NUNCIATURE
IN LIBYA

No. 324/2017

COMUNIQUE OF THE APOSTOLIC NUNCIATURE IN LIBYA

The Holy Father Pope Francis has accepted the resignation presented by **His Lordship Mgr. Giovanni Innocenzo Martinelli, O.F.M.,** from the pastoral care of the Apostolic Vicariate of Tripoli in Libya, in accordance with canon 401 § 1 of the Code of Canon Law. He will be succeeded by **His Lordship Mgr. George Bugeja, O.F.M.,** presently Coadjutor Bishop of the same Apostolic Vicariate of Tripoli in Libya.

The announcement is made public today, **Sunday, 5 February, 2017, at 12h00 in Rome.** Mgr. Martinelli acquires the title of Bishop Emeritus of the Apostolic Vicariate of Tripoli.

The Holy Father thanked the Bishop Emeritus for his self-less dedicated episcopal ministry which is well known and appreciated for its human warmth and its spiritual closeness to the People of God in Tripoli.

The new Apostolic Vicar of Tripoli, Mgr. George Bugeja, O.F.M., was born on the 1st July 1962, in Xaghra, Diocese of Gozo. He entered the Novitiate of the Friars Minor on the 2nd October 1977, took his first vows on the 1st October 1978 and his solemn profession on the 28th August 1983. He was ordained priest on the 5th July 1986. Beside his philosophical and theological studies, he holds a diploma in journalism and spirituality.

He started his priestly ministry in the diocese of Gozo. After a few years he was superior in various Franciscan communities.

He also held posts in his Order: Provincial Secretary for missions and evangelization and Secretary for formation.

He was parish priest in the parish of the Our Lady of the Sacred Heart, Sliema (2004-2008). Subsequently he was nominated auditor of the ecclesiastical Tribunal of the Diocese of Gozo and then from 2010 until 2014 an official within the Congregation of the Evangelization of Peoples. From January 2015 he was superior of the Convent of St. Anthony of Padova in Ghajnsielem, Diocese of Gozo.

*minn paġna 1*

Djoċesi, mal-Isqof Giovanni Martinelli OFM li rriżenja minħabba l-età.

Mons. George Bugeja qed iservi wkoll bħala l-Amministratur Appostoliku ta' Benghazi wara li temm il-missjoni Mgr. Silvestru Magro O.F.M. fi Frar tas-sena li għaddiet u li jinsab irtirat fil-kunvent tagħna tar-Rabat.

Mgr. George Bugeja għandu 54 sena u kien inħatar Vigarju Episkopali ta' Tripli fl-10 ta' Lulju tas-sena 2015. Fl-4 ta' Settembru tal-istess sena, huwa kien ikkonsagrat Isqof fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu.

Twieled ix-Xagħra, Għawdex fl-1 ta' Lulju 1962. Huwa daħal għan-novizzjat tiegħu fit-2 ta' Ottubru 1978 u għamel il-Professjoni Solenni fit-28 ta' Awwissu 1983 u Ordnat Saċerdot f'Għawdex fil-5 ta' Lulju 1986.

# Definitorju Provinċjali - 24 ta' Frar

Id-Definitorju Provinċjali ltaqa' nhar il-Ġimgħa 24 ta' Frar, 2017, fid-9.30am ġewwa l-kunvent tagħna ta' Santa Marija ta' Ġesu' fir-Rabat. Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

Wara t-talba tal-bidu u l-qari tal-minuti tal-aħħar laqgħa flimkien ma xi punti ta' kjarifika li ħarġu minnhom dawk preżenti għaddew għall-aġenda li kellhom quddiemhom. Ewlenija fosthom kienet it-tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-Kapitlu Provinċjali intermedju li jmiss din is-sena jiġi ċċelebrat bejn it-22 u l-25 ta' Mejju, fid-Dar tal-Irtiri Proziuncola, Baħar iċ-Ċagħaq. Fuq talba tal-istess Definitorju Provinċjali li fil-laqgħa ta' qabel għamel lil ħuna P. Walter Vassallo OFM, bħala kanonista tal-Kapitlu Provinċjali, dwar min huma dawk l-aħwa li huma eliġibbli għal vuċi attiva u passiva fil-Kapitlu Provinċjali li jmiss, ġie diskuss ir-rapport estensiv u metikuluż li ħejja l-istess P. Walter OFM. Kienu meħtieġa xi kjarifiki tal-aħħar sabiex tiġi definita l-lista ta' dawk l-aħwa li għandhom vuċi attiva u vuċi passiva, ta' dawk li għandhom vuċi attiva imma ma għandhomx vuċi passiva u fl-aħħarnet ta' dawk li la għandhom vuċi attiva u lanqas vuċi passiva. F'dan ir-rapport saret referenza għal dak stabbilit fil-Liġi Kanonika, Fil-Kostituzzjonijiet Ġenerali u fl-Istatuti Ġenerali. Inħasset din il-ħtieġa sabiex l-affarijiet isiru kif suppost għas-sodisfazzjoni tal-aħwa kollha.

Wara P. Marcellino ofm poġġa fuq il-mejda materjal stampat, li jinkludi l-lista tal-uffiċċjali tal-Kapitlu Provinċjali, kif ukoll l-aġenda u t-temi tal-jiem tal-istess Kapitlu. Dan il-materjal għandu jitqassam lill-aħwa kollha flimkien mal-karti tal-vot preliminari u l-lista msemmija aktar qabel.

Waqt il-laqgħa ingħatat l-aħħar informazzjoni lil dawk preżenti mill-Ministru Provinċjal fuq il-proġett tal-bini tar-*retirement friary* fuq Proziuncola Retreat House. Fl-aħħarnett kienet diskussa xi korrispondenza li 'rċieva l-Ministru Provinċjal u t-tweġibiet li 'ngħataw relatati magħha.

Laqgħa oħra tad-Definitorju Provinċjali ser issir nhar l-20 ta' April 2017 ġewwa l-kunvent tagħna tar-Rabat. Jekk ma jkunx hemm xi ħtieġa partikolari, din ser tkun l-aħħar laqgħa ta' dan id-Definitorju Provinċjali qabel il-Kapitlu.

## Marzu
## Appuntamenti

**1** ta' Marzu, Formazzjoni Permanenti - il-Belt fid-9.30am.

**19** ta' Marzu, Festa San Ġużepp - Rabat

**20** ta' Marzu, Żjara Franġiskana, Mument ta' talb, Rabat, fis-7pm.

**25** ta' Marzu, Żjara Franġiskana, Ħal-Tarxien.

### Birthdays - Marzu

11. P. Joseph Magro
15. P. Paul Attard
21. P. Walter Vassallo
24. P. Gabriel Micallef
29. Fr. Clive Camilleri

### Festi - Marzu

19. P. Ġużepp Camilleri
19. P. Joe Caruana
19. Mons. Joe Bonello
19. Fr. Ġużepp Debono
19. P. Joseph Magro
19. P. Joseph Ciappara

# Fra Alessandro jagħti Kunċert fil-Knisja S. Franġisk

Fi Knisja mimlija bin-nies l-Erbgħa l-ewwel ta' Frar fil-għaxija Fra Alessandro ta Kunċert fil-Knisja ta' San Franġisk il-Ħamrun. Kienet lejla mimlija b'opri mużikali nterpretati minn Fra Alessandro fosthom: Ave Maria, Vergine tutto amor, Panis Angelicus, Candido fior di frumento, Camminate nella carita', Madonna de claritate, Santo Francesco. Jakkumpanjaw lil Fra. Alessandro kien hemm l-organista Richard Caruana u l-arpista Jacob Portelli.

Il-Kunċert kien varjat minn kant, mumenti ta' talb li tmexxew mill-Gwardjan P. Anton Farrugia OFM, kif ukoll mumenti ta' mużika bl-arpa. Il-flus li nġbaru mill-biljetti marru għal Fra Alessandro biex jgħinu lil missjunarji Franġiskani tal-Provinċja tiegħu. Żgur li minn kien preżenti u jħobb dan it-tip ta' kunċerti niżlitlu għasel. Wara l-kunċert Fra Alessandro qatta ħafna ħin jitkellem man-nies, jiffirmalhom CDs u kotba u jieħu ritratti magħhom.

***Fra Alessandro jitkellem fuq il-Vokazzjoni tiegħu***

Sakemm kien Malta, Fra Alessandro s-sit ofm.org.mt ħadlu ftit kummenti fuq il-vokazzjoni tiegħu.

L-intervista li saritlu kienet maqsuma f'erba' domandi:

1) Kif sibt il-Vokazzjoni Franġiskana?

2) Kif tara l-ħajja Franġiskana fiż-żminijiet tallum?

3) X'messaġġ għandek għaż-żgħażagħ fuq dan kollu? u

4) X'messaġġ tagħti lil dawk li qed jimxu f'din it-triq u huma imħajjrin għal ħajja Franġiskana?

Huwa wieġeb fil-qosor imma dritt għal punt u wieħed mill-messaġġi li huwa jagħti huwa li ż-żgħażugħ għandu dejjem jgħid iva lil Alla biex jibda l-ħajja Franġiskana tiegħu imbagħad iħalli lil Alla jmexxieh hu.

Biex tara din l-intervista idħol fuq is-sit tal-Provinċja ofm.org.mt







# Preparazjoni għaż-Żjara Franġiskana

Mil-25 ta' Marzu sat-2 ta' April ser tiġi organizzata ż-Żjara Franġiskana ġewwa l-Parroċċa Maria Annunzjata, ġewwa Ħal-Tarxien. Matul dawn il-jiem aħna bħala Patrijiet Franġiskani, flimkien ma' diversi kongregazzjonijiet ta' sorijiet Franġiskani u lajċi ser induru diversi djar tal-Parroċċa u jitkellmu mal-familji.

Dan huwa mument ta' grazzja għall-parroċċa u għal dawk li jieħdu sehem, kemm fl-attivitajiet li ser jiġu organizzati fil-Knisja, kif ukoll għal dawk li se jkunu qed jilqgħuna fi djarhom.

Iż-Żjara Franġiskana hija mument fejn aħna bħala Patrijiet niltaqgħu man-nies għal diversi mumenti fosthom: mument ta' Talb (Lectio Divina), mument ta' rikonċiljazzjoni, laqgħat ma' adoloxxenti, żgħażagħ u miżżewġin, mumenti fejn aħna jkollna l-okkażjoni li nwasslu kelma lil dawk in-nies li Alla se jlaqqgħana magħhom u li n-nies huma entużjasti li jilqgħuna fi djarhom u fil-Parroċċa tagħhom. Min jixtieq informazzjoni jikkuntatja lil P. Walter fuq: zjara@ofm.org.mt



## P. Stephen Magro intervistat




F'Jannar li għadda P. Stephen Magro, OFM kien intervistat minn sit tal-internet Malti bl-isem ta' "Universe of Faith". Dan is-sit huwa għal dawk li jkunu għaddejjin minn mumenti ta' kriżi jew qed isaqsu fuq il-fidi.

Huma tkellmu ma' P. Stephen fuq diversi osservazzjonijiet li huwa għamel fuq l-esperjenza tiegħu fuq it-tbatija bħala pazjent, bħala staff mediku u bħala familja.

## "Tuesdays with the Lord"




Il-Faternità Franġiskana tar-Rabat, se tibda inizjattiva ġdida tul il-ġimgħat tar-Randan li tikkonsisti f'mumenti ta' talb għaż-żgħażagħ minn 18-il sena l-fuq.

Dan l-appuntament imsejjaħ "Tuesdays with the Lord" ser ikun kull nhar ta' Tlieta bejn it-28 ta' Frar u l-11 ta' April fit-8.15 ta' filgħaxija. Min jixtieq jilqgħa din l-istedina, jikkuntattja lil Fr. Ramon Farrugia, OFM fuq: tuesdays@ofm.org.mt

## Jum il-Ħajja kkonsagrata



Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017, l-Arċisqof Charles J. Scicluna fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, l-Imdina huwa bierek ix-xemgħat u ta bidu għall-purċissjoni lejn il-Katidral biex jiċċelebra l-Quddiesa Pontifikali li saret fl-okkażjoni tal-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju, filwaqt li ċċelebra Jum il-Ħajja Kkonsagrata. F'din l-okkażjoni Fr. Clive Camilleri serva bħala Djaknu.

## *Statistika fuq il-Provinċja tagħna (2016)*

Statistika miġbura minn P. Alfred Sciberras, OFM turi s-sitwazzjoni tal-Provinċja tagħna sa l-aħħar ta' Diċembru 2016 li konna 51 u 4 Isqfijiet. In-numru ħdejn l-isem huwa l-età sal-aħħar ta' 2016. Jekk inħarsu lejn l-etajiet is-sitwazzjoni hija din:

**30-39 sena - 4 Patrijiet**
Ramon Farrugia (30)
Walter Vassallo (32)
Joseph Ciappara (32)
Clive Camilleri (34)

**40-49 sena - 7 Patrijiet**
Joseph Magro (41)
Lorrie Zerafa (42)
Pierre Farrugia (43)
Anton Farrugia (45)
Leo Ciantar (46)
Mark Ciantar (46)
Stephen Sciberras (47)

**50-59 sena - 16-il Patri**
Stephen Magro (53)
Martin Coleiro (54)
Marcello Ghirlando (54)
Charles M. Grech (54)
Twanny Chircop (55)
Paul Attard (55)
Tony Briffa (56)
Chris Farrugia (57)
Raymond Falzon (57)
Sandro Overend (58)
Raymond Scicluna (58)
Marcellino Micallef (58)
Noel Muscat (59)
Julian Sammut (59)
Anġlu Falzon (59)
Ġużepp Debono (59)

**60-69 sena - 9 Patrijiet**
Richard S. Grech (61)
Alex Borg (61)
Jimmy Zammit (61)
Joe Caruana (63)
Albert Micallef (66)
Paul Galea (67)
Raymond Camilleri (68)
Charles Diacono (68)
Albert Gauci (69)

**70-79 sena - 9 Patrijiet**
Ġwann Azzopardi (71)
Eddie Pace (71)
Victor Camilleri (72)
Gabriele Micallef (72)
Edward Zammit (74)
Mark Enriquez (76)
Ġużepp Camilleri (76)
Alfred Sciberras (79)
Norbert E. Vincenti (79)

**80 sena l-fuq - 6 Patrijiet**
Alfred Tabone (82)
Cherubin Galea (84)
Dionysius Mintoff (85)
Godfrey Micallef (85)
Ġwann Micallef (85)
Sebastian Camilleri (95)

**Isqfijiet**
Silvestru Magro (75)
Robert Camilleri (65)
Joe Bonello (55)
George Bugeja (54)




**L–AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA - **Editur:** P. Joseph Magro OFM*
***eMail:** jmagro@ofm.org.mt - **tel:** +356 21556095 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*